# HABAKUK

*Mhux il-lum ġie f'ras il-bniedem*
*Giri x-xwieni milbutin*
*Fl-ibħra kbar li donnhom vleġġa,*
*Bħar-riħ jiġru maħrubin.*

*L-ajruplan jiġri w jittajjar*
*Qabel Kristu bosta snin*
*Iżjed minn xi ħames mija*
*U madwar tlieta u ħamsin*

*Jiena rajt l-Abakuk fuqu,*
*Bl-akbar ħeffa qed itir;*
*Se'r inewwel lil Danjeli*
*Borma f'idu bit-tisjir,*

*Li kien Dan mixħut mad-driebes*
*Hiemda miegħu ġewwa* **foss;**
*U ħafif iżjed mill-ajkli*
*Qe'd jittajjar mingħajr ħoss,*

*Għal fuq l-art ta' Babilonja,*
*U minn hemm lura mar bih,*
*Minn fejn rikkbu w fl-ogħla sema,*
*Jaqta' w jofroq sħab u riħ.*

R. M. B.